KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 35

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

Il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sa Desirei Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, mingħand is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, u mingħand il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela.

35.1.2 Il-membri preżenti approvaw

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 32 li nżammet nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

35.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selaggi, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

35.2.3 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaġġi, talab il-proċedura mitluba meta jiġu biex jintbagħtu l-minuti.

35.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li d-dokumenti relatati mal-laqgħa tar-Reġjun jintbagħtu permezz ta' emejl lil kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun u l-membri dejjem ikunu ikkupjati f'din il-korrispondenza. Żiedet tgħid ukoll kif dawn id-dokumenti jinsabu kollha fuq is-sit eletroniku għal pubbliku.

## 35.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Aġġornment – Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart*

35.3.1 Il-President informa kif wara li ġiet ippreżentata l-ittra ta' *default notice* lill-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart domestiku, ir-Reġjun kien irċieva ittra lura mingħand l-avukat tal-kuntrattur fejn ġie miċħud kull punt li kien ġie msemmi.

35.3.2 Il-President għamilha ċara li l-problema fuq il-kondominji hija problema separata minn dik tan-nuqqasijiet fis-servizz tal-kuntrattur.

35.3.3 *17:39pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

35.3.4 Inżammet diskussjoni fit-tul dwar din is-sitwazzjoni.

- *Laqgħa*

35.3.5 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li kienet inżammet aktar kmieni dakinhar mas-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika, l-Onor. Glen Bedingfield, u mas-Sur Ramon Deguara, dalgħodu.

35.3.6 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa r-Reġjun ġie infurmat dwar il-ħidma li qed issir sabiex tingħata aktar għajnuna lill-Kunsilli Lokali fit-toroq fejn ser ikun qed jiġi mpjegat madwar 200 ħaddiem sabiex

apparti t-tindif regolari li qed isir f'lokalitajiet turistiċi, jibda jingħata l-istess għajnuna wkoll fil-lokalitajiet l-oħra fejn dan is-servizz ser ikun qed jingħata bejn it-3 ta' wara nofsinhar u l-10 ta' bil-lejl.

35.3.7 Il-President spjega kif il-ħsieb wara din il-laqgħa kienet sabiex jiġi mitlub aktar tindif f'żoni problematiċi kif ukoll dwar il-problema tal-ġbir ta' l-iskart ta' kondominja li qed isir minn din l-aġenzija.

35.3.8 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan is-servizz u kif hemm qbil sabiex il-President iżomm lil kulħadd aġġornat b'dak kollu li jkun qed isir.

- *Rights Project (The Malta Foundation for the Wellbeing of Society)*

35.3.9 B'referenza għal dan il-proġett il-President informa kif l-ewwel laqgħa fuq bażi Reġjonali għal Kunsill tat-Tfal li kellha tinżamm nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru ser tkun qed tinżamm nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2024 mill-4:30pm sas-6pm.

35.3.10 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa huwa mitlub li l-President biss ikun preżenti sabiex it-tfal iħossuhom aktar komdi jitkelmu.

- *Talbiet*

35.3.11 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-Kunsill Reġjonali Lvant ġie avviċinat minn żewġ kumpaniji b'żewġ proġetti interessanti.

35.3.12 Hu spjega kif il-kumpanija bl-isem TechNovator ibbażata fil-Moldova, xtaqu jipproponu proġett pilota (iffinanzjat kompletament mill-kumpanija) biex joffri t-teknoloġija innovattiva tal-iċċarġjar mingħajr wires, li tippermetti iċċarġjar effiċjenti tal-e-bikes mill-bogħod, b'effiċjenza sa 80%. Il-pilota, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill magħżul u r-Reġjun, se jinvolvi l-installazzjoni ta' żewġ stazzjonijiet tal-iċċarġjar li jaħdmu bl-enerġija solari u erba' e-bikes għall-ittestjar. Il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ il-mobilità urbana, inaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju, u juri l-vijabbiltà ta' mudell ta' kiri ta' e-bike sostenibbli. Il-baġit totali tal-proġett ivarja min €44,000 ewro sa €54,000, li jkopri t-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-ispejjeż operattivi. Il- proġett pilota se jkun.

35.3.13 It-tieni kumpanija hija CUBE PLUS, startup Finlandiża li tispeċjalizza f'soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa u intelliġenti għal ambjenti urbani, tipproponi li tippilota bank tal-iċċarġjar li jaħdem bl-enerġija solari mingħajr ebda spiża. Dan il-bank innovattiv se jsaħħaħ is-sostenibbiltà tal-lokalità billi juża enerġija rinnovabbli għall-iċċarġjar. Barra minn hekk, joffri għażla manwali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija permezz ta' pedala.

35.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif għal dan iż-żewġ proġetti pilota, il-Kunsill Lokali magħżul ikun jeħtieġ japplika għall-*insurance*.

35.3.15 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tintbagħat emejl lill-Kunsilli kollha b'dawn id-dettalji u dawk il-Kunsilli li huma interessati b'dawn il-proġetti, għandhom iressqu l-interess tagħhom.

## 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

35.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 35.5 Rapporti

35.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

## 35.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- Kwotazzjonijiet

35.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda diversi kwotazzjoni li kienu nġabru għall-approvazzjoni tal-membri:

- Servizz ta' Luzzu għal proġett tas-*Sea Tour* relatat mal-EROC2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Supreme Cruises bi prezz ta' €1,440.68;

- Servizz ta' *Projector* għal proġett tal-*Land & Sea Tours* relatat mal-EROC2024 li jinkludi kiri ta 'laptop', 'network switches', 'generator' u 'crew' fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Mad About Video bi prezz ta' €7,201,54;

- Servizz ta' *Videographer* għal proġett tal-*Land & Sea Tours* relatat mal-EROC2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Videocafe' bi prezz ta' €1,982.40;

- Servizz ta' *Sign Language* għal proġett ta' Tnax-il relatat mal-EROC2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand LSM Interprating bi prezz ta' €720.00;

- Servizz ta' Assigurazzjoni għal proġett tal-*Land & Sea Tours* relatat mal-EROC2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' MIB bi prezz ta' €716.00;

- Servizz ta' Assigurazzjoni għal proġett ta' l-lVANt relatat mal-EROC2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Antes Insurance bi prezz ta' €893.00;

- Servizz ta' *Buses* għal proġett tal-*Land Tour* relatat mal-EROC2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Paramount Coaches bi prezz ta' €944.00;

- Servizz ta' *Photographer* għall-attivita' *Regional Sports Day 2024* fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Mark Soler bi prezz ta' €200.00;

- Servizz ta' *Printing of Custom T-Shirts* għall-attivita' *Regional Sports Day 2024* fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Prism Printing bi prezz ta' €1,952.78;

- Servizz ta' *Sound System* għall-attivita' *Regional Sports Day 2024* fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' MST Audio Visual Ltd. Bi prezz ta' €560.00;

- Servizz ta' *Videographer and Drone* għall-attivita' *Regional Sports Day 2024* fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' Testa & Tesmar bi prezz ta' €778.80;

Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjonijiet imressqa b'mod unanimu.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

35.7.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

35.7.2 Is-Sindku ta’ Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, sekondat mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 32A u 32B.

35.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 35.8 Mozzjonijiet

35.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x’tiġi diskussa f’din il-laqgħa.

## 35.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

35.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:05 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta’ Settemrbu 2024, fil-17:30 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta’ Settembru, 2024.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv